VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,320, 3 ta' Ottubru, 2014*
*Taqsima B*

**A.L. 360 tal-2014**

**ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA**
**(KAP. 460)**

**Ordni tal-2014 dwar il-Miżuri ta' Protezzjoni Ewropej f'Materji Ċivili**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu u skop.

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2014 dwar il-Miżuri ta' Protezzjoni Ewropej f'Materji Ċivili.

(2) Dan l-Ordni jimplimenta d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 606/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili.

Tifsir.

**2.** F'dan l-Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"id-Direttur" tfisser id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali;

"miżura ta' protezzjoni" tfisser kull deċiżjoni maħruġa mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li biha l-imsemmija Qorti timponi obbligu wieħed jew aktar mill-obbligi li ġejjin fuq il-persuna li tikkawża riskju bil-għan li tiġi protetta persuna oħra, meta l-intergrità fiżika u psikoloġika ta' din il-persuna l-aħħar imsemmija tinsab f'riskju:

(a) projbizzjoni jew regolamentazzjoni dwar id-dħul fil-post fejn il-persuna protetta tirrisjedi, taħdem jew regolarment iżżur jew toqgħod;

(b) projbizzjoni jew regolamentazzjoni dwar il-kuntatt, fi kwalunkwe forma, mal-persuna protetta, inkluż dak permezz tat-telefon, posta elettronika jew ordinarja, *fax* jew kwalunkwe mezz ieħor;

(ċ) projbizzjoni jew regolamentazzjoni dwar l-avviċinament tal-persuna protetta eqreb minn distanza preskritta;

"persuna li tikkawża r-riskju" tfisser persuna fiżika li fuqha ġew imposti obbligu wieħed jew aktar imsemmija fit-tifsira "miżura ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA



protezzjoni";

"persuna protetta" tfisser persuna fiżika li hija l-oġġett ta' protezzjoni mogħtija mill-miżura ta' protezzjoni;

"il-Qorti" tfisser il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

"ir-Regolament tal-UE" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 606/ 2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili;

"Stat Membru ta' oriġini" tfisser l-Istat Membru li fih tiġi ordnata l-miżura ta' protezzjoni.

Awtorità ċentrali

**3.** Il-funzjonijiet taħt ir-Regolament tal-UE għandhom ikunu mwettqa mid-Direttur li għandu jirċievi ċ-ċertifikat għall-infurzar tal-miżuri ta' protezzjoni ordnati fl-Istat Membru ta' oriġini, kopja tal-miżura ta' protezzjoni u traduzzjoni taċ-ċertifikat skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-UE.

Ċertifikat.

**4.** (1) Il-Qorti għandha, fuq talba mill-persuna protetta, toħroġ ċ-ċertifikat f'forma *standard* multilingwi stabbilit skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-UE.

(2) Il-Qorti għandha tordna n-notifika tal-persuna li tikkawża r-riskju msemmi fiċ-ċertifikat maħruġ, flimkien mal-fatt li l-ħruġ taċ-ċertifikat iwassal għar-rikonoxximent u, fejn applikabbli, għall-infurzar tal-miżura ta' protezzjoni fl-Istati Membri kollha.

Rettifika jew irtirar taċ-ċertifikat

**5.** (1) Meta jsir rikors quddiem il-Qorti mill-persuna protetta jew mill-persuna li tikkawża r-riskju, iċ-ċertifikat għandu jiġi:

(a) rettifikat fejn, minħabba fi żball klerikali, hemm diskrepranza bejn il-miżura ta' protezzjoni u ċ-ċertifikat, jew

(b) irtirat fejn jidher b'mod ċar li ngħata bi żball meta jiġu kkunsidrati l-għan u l-ħtiġiet stabbiliti fir-Regolament tal-UE.

(2) Għandu jkun hemm appell quddiem il-Qorti tal-Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti. Dan l-appell għandu jiġi preżentat fi żmien sitt ijiem mill-għoti tad-deċiżjoni.

Aġġustament tal-miżura ta' protezzjoni

**6.** (1) Jista' jiġi ppreżentat lill-Qorti rikors għall-aġġustament tal-miżura ta' protezzjoni mill-persuna protetta.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(2) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-UE, għandhom jgħoddu id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 266 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

(3) Id-deċiżjoni tal-Qorti għandha tiġi notifikata lill-persuna li qed tikkawża r-riskju.

(4) Għandu jkun hemm appell quddiem il-Qorti tal-Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti. Dan l-appell għandu jiġi ppreżentat fi żmien sitt ijiem mill-għoti tas-sentenza.

Notifika.

**7.** Skont l-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 11(4) tar-Regolament tal-UE, il-proċedura mfissra fl-artikolu 187 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandha tapplika. Kap. 12.

Qorti kompetenti.

**8.** Għall-finijiet tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament tal-UE, il-qorti kompetenti għandha tkun il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

Lingwa tad-dokumenti.

**9.** Meta xi dokument, ċertifikat jew deċiżjoni msemmijin fir-Regolament tal-UE jkun sar b'xi lingwa minbarra l-Malti, għandha ssir traduzzjoni għall-Malti jew l-Ingliż ta' dak id-dokument, ċertifikat jew deċiżjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-UE.